Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 503/2003

**Perit Philip u Maryrose konjugi Azzopardi**

**vs**

**Joint Venture Company Limited (C21502)**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, u sitt mitt lira Maltin (Lm3,600) oltre hames mija u erbghin lira Maltin (Lm540) VAT komplessivament ammotati ghal LM4140 oltre l-imghax legali mit-28 ta' Novembru, 2001, ta' servizz professjonali rez mill-attur lis-socjeta' konvenuta in konnessjoni mat-tisbih, xogholijiet strutturali u refurbishment tal-coffee shop, indoor pool u bar terrace fil-Corinthia Palace Hotel liema xogholijiet saru fuq inkarigu taghhom.

Bl-ispejjez, komprizi dawk l-ittra ufficjali tat-3 ta’ Settembru, 2003, u tal-Mandat ta’ Sekwestru kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta’ l-atturi sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fis-26 ta’ April, 2004, meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------